# Għal widnejn iż-żgħażagħ

Kienet esperjenza sabiha l-istedina li kelli biex nattendi u nitkellem fil-Ħames Edizzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ. Assistejt ghal seduta movimentata, hajja, imfawra bl-ideat konvinti tal-gruppi differenti li ppartecipaw. Seduta animata minn dibattiment ċivili, imżewwaq anki b'battuti niggieża iżda helwin. Il-partecipanti nqasmu fi tliet skjeramenti li ġew deskritti bhala l-Partit tat-Teknoloġija u Privatezza, il-Partit tal-Forom Differenti ta' Familja, u l-Partit tad-Djalogu Interkulturali.

Filwaqt li hu ta' sodisfazzjon li żgħażagħ jimpenjaw ruhom u jtellghu attivitajiet simili, sfortunatament dawn iż-żgħażagħ m'humiex rappreżentattivi tal-klassi żagħżugha inġenerali, li forsi hi aktar karatterizzata minn nuqqas ta' interess fl-attività politika. Sintomu, dan ix-xettiċiżmu lejn il-politika, li sfortunatament qed jolqot mhux liż-żgħażagħ biss, iżda lis-socjetà inġenerali.

U wiehed irid jistaqsi ghaliex. Minn lenti żagħżugha ghandna nharsu lejn dan ix-xenarju b'ghajn kritika. Filwaqt li ż-żgħażagħ se jkunu dawk li jibnu d-dinja ta' ghada, iż-żagħżugh jidentifika ruhu ma' *role models* li ġew qablu. Iż-żagħżugh hu l-pont bejn dak li kien u dak li ġej.

U tajjeb nistaqsu x'*role models* hallew ta' qabilna. Jekk iż-żgħażagħ iqisux il-politika rilevanti ghalihom u jekk le ghaliex. B'enerġija żagħżugha ghandna nidentifikaw dawn il-problemi u nsibu soluzzjonijiet.

Ġenerazzjonijiet sussegwenti ta' żgħażagħ iffaċċjaw *standards* aktar stretti. Aktar ma jmur, id-dinja qed tippretendi aktar, u f'anqas ħin. U dan bhalma japplika ghat-teknoloġija, jghodd anki ghall-*istandards* adottati fil-politika, li qed isiru aktar stretti. L-elettorat, jew ghallinqas dik is-sezzjoni li turi interess, qed isir dejjem aktar sensittiv u jesiġi livelli oghla ta' trasparenza u ta' *accountability*. U dan ukoll fejn jidhol is-sehem tal-partiti.

Bla dubju li s-sistema tal-partiti hi l-ahjar wahda, u halliet frott, tul l-ahhar sekli li bidet tithaddem. Ċertament ghadu hadd ma hareġ b'sistema ahjar. Iżda anki hawnhekk irridu nharsu b'ghajn kritika biex nibnu fuq ta' qabilna u ntejbu fuq li sibna. Irridu nistaqsu wasalx iż-żmien li jkollna liġijiet dwar il-finanzjament u l-organizzazzjoni interna tal-partiti. Irridu nanalizzaw u neżaminaw jekk il-*media* tal-partiti hix tikkontribwixxi ghal polarizzazzjoni żejda.

Nifhem l-intervent taż-żgħażagħ fil-politika mhux biss bhala parteċipazzjoni diretta imma l-politika fis-sens usa', fis-sens ta' impenn ċiviku. Meta tkun żagħżugh tbaqbaq bl-enerġija, trid tiskopri l-individwalità tieghek, tixtieq tasserixxi ruhek u tispikka, thoss li tifforma parti mill-ġenerazzjoni li ghandha l-monopolju fuq il-moda, it-tendenzi tal-mument, u l-istil li jkun in voga.

Imma ghaż-żgħażagħ illum hi moda li tipparteċipa fit-tmexxija tal-pajjiż, anki fuq bażi lokali jew imqar f'sens ċiviku? Hi moda llum ghaż-żgħażagħ li jharsu l-ambjent? Hi moda li ż-żgħażagħ illum jghixu stil ta' hajja ta' valuri?

Ghalhekk il-ġenerazzjoni taghna ghandha sfidi kbar kif kellhom il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna. Ara ma nahsbux li l-Indipendenza jew il-Helsien biss kienu sfida. Ara ma nahsbux li issa li dhalna fl-Unjoni Ewropea u fiz-Zona Ewro, nistghu nixxuttaw mill-ideat, u nehduha bil-lajma. Inkunu qed niżbaljaw bil-kbir.

Ghandna d-dover morali li nsostnu l-wirt ghani u kwalità ta' hajja li kisbu ghalina ta' qabilna, u fl-istess waqt naghmlu hilitna u nibnu fuq il-palazz ta' pajjiż li hallewlna ta' qabilna biex anki ahna nibnu s-sular taghna, li nghammru fih, u nhalluh lil ta' warajna.

Nidentifika żewġ sfidi ohra li ghandhom iż-żgħażagħ illum, l-erosjoni tal-valuri u l-isfida tal-ispeċjalizzazzjoni. Fil-kuntest tal-valuri, saret enfasi fid-diskussjoni fuq iż-żwieġ. Hu tajjeb li jiġi diskuss id-divorzju, iżda inkwetanti li hafna mid-dibattitu dwar dan is-suġġett tant delikat ikun kundizzjonat mill-aspett strettament utilitarju. Vantaġġi u żvantaġġi. X'jaqbel u x'ma jaqbilx.

Issa nemmen li d-dibattitu hu l-ossiġnu tad-demokrazija. Filwaqt li dan id-djalogu ghandu jsir dejjem b'mod ċivili, edukat u fi spirtu ta' tolleranza u rispett shih lejn l-opinjonijiet u pożizzjonijiet opposti, il-biża' tieghi hu, anzi, meta tonqos din il-varjetà ta' ideat. Ninkwieta u nistaqsi: possibbli fuq dan il-kunċett m'hawnx iżjed minn idea wahda? Qed naqblu kollha? Ixxuttajna daqshekk mill-ideat?

Nemmen li f'pajjiżna kapaċi niżvolġu dibattitu ċivili fejn ikun hemm il-konfrontazzjoni tal-ideat u mhux tal-persuni, kif ukoll djalogu ċivili bejn kulturi differenti.



*Din il-kitba hi l-qofol ta' diskors li ghamel id-Deputat Nazzjonalista* ***FRANCO DEBONO*** *fl-okkażjoni tal-hames edizzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ organizzat mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fis-16 ta' Settembru, 2008*

Lura ghad-divorzju. Ma nistghux ninsew is-sinifikat, l-essenza proprja ta' dak li jaghmel żwieġ.

L-indissolubbiltà li hi wiehed mill-ingredjenti essenzjali taż-żwieġ mhix tinghata l-importanza misthoqqa. F'dan il-kuntest ghandna nikkunsidraw u nirrispettaw forom differenti ta' familja.

Nemmen bis-shih li fil-kuntest tas-socjetà moderna li nghixu fiha llum ma nistghux ninjoraw ir-realtajiet ta' madwarna. M'ghandniex inhallu preġudizzji jaghtu lok ghal sfruttament ta' persuni, speċjalment dawk f'pożizzjoni dghajfa u ghal nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità tal-istess persuni.

Madankollu nżommu quddiem ghajnejna li jekk bhala żgħażagħ ghandna l-monopolju fuq dak li hu *trendy*, fuq dak li hu moda, iżda m'ghandniex dritt u wisq anqas monopolju li niddivorzjaw, li nisseparaw il-kunċetti mill-vera tifsira, mill-valur assolut taghhom, ghax jekk iż-żwieġ tneħhilu l-indissolubbiltà tieghu, tista' ssejjahlu xi haġa ohra, iżda tneħhilu s-sinsla vera tieghu.

Sfida ohra. L-ispeċjalizzazzjoni. Fundamentali f'dan il-kuntest ir-rwol tas-sistema u l-organi edukattivi. Nemmen qabel xejn li s-sistema edukattiva ghandha tkun aktar aggressiva fl-identifikazzjoni ta' dawk l-individwi li minn età żghira, forsi anki mit-tfulija, juru tendenzi inkwetanti. Jekk dawn ma jiġux meghjuna fl-istadju bikri, aktarx li fl-etajiet vulnerabbli taż-żogħżija jispiċċaw vittmi tat-tentazzjonijiet ta' pjaċiri rħas, iżda tant perikolużi u distruttivi, ta' ċerti vizzji.

Fl-istess waqt is-sistema edukattiva, id f'id mal-qasam tax-xoghol, ghandha tkun bażata fuq l-ispeċjalizzazzjoni u r-riċerka. Fil-qasam tat-teknoloġija, nghidu ahna, fejn pajjiżna mexa b'pass imghaġġel hafna, fi żmien qasir. Nemmen li dan hu fenomenu ta' żmienna, din hi sfida reali f'kull qasam tal-hajja, fil-mediċina u l-qasam tas-sahha, fil-liġi, fit-turiżmu, fis-servizzi finanzjarji, fit-teknoloġija tal-informatika, fil-manifattura, fil-harsien tal-ambjent.

L-ispeċjalizzazzjoni ġġib livell oghla ta' gharfien u hila fil-qasam partikolari li wiehed jiffoka fuqu u hi t-triq lejn l-eċċellenza. B'hekk biss nistghu nżommu l-pass mad-dinja u jekk jista' jkun inkunu qabilha.

Niehu l-opportunità, u nahseb anki f'isem iż-żgħażagħ li ppartecipaw, biex nuri solidarjetà ma' politiku żagħżugh, Karl Chircop, u l-familjari tieghu, li bhalissa ghaddejjin minn mument ferm diffiċli.

# Ħidma prattika fl-ambjent



minn **Ryan Callus**

ryancallus@gmail.com

L-ambjent hu wiehed mit-tliet pilastri tal-Gvern fil-**Viżjoni 2015.** Il-miri tal-Gvern fil-qasam tal-ambjent huma varji u l-isforzi qed isiru f'diversi setturi. F'dan l-artiklu ridt nikkonċentra fuq it-tniġġiż mill-karozzi tal-linja u l-indafa pubblika – żewg oqsma li fihom il-Gvern qed jiffoka azzjoni prattika fuq oqsma li jtejbu s-sahha taghna kif ukoll id-dehra ta' pajjiżna u l-kwalità tal-hajja li nghixu.

It-tniġġiż mill-karozzi tal-linja se jibda jkun kontrollat skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea. Kif kienet is-sistema sa issa, anki dawk il-karozzi manufatturati wara l-1979 kienu qed ikunu kontrollati skont *standards* aktar laxki ghal karozzi manifatturati qabel dik is-sena.

Effettivament, dan kien jirriżulta f'testijiet inqas stretti u dan jissarraf f'żieda fl-emissjonijiet. F'rapport li ghamlet l-Awtorità dwar l-*Istandards*, kien rakkomandat li s-sewwieqa jinghatalhom tahriġ biex jiżdied l-gharfien taghhom dwar l-effetti hżiena tat-tniġġiż mill-vetturi taghhom.

Jien nemmen li dan il-pass hu tassew bżonjuż ghaliex it-taghlim u l-gharfien hu pass primarju u essenzjali halli wiehed jaġixxi skont dak li hu tajjeb. Ir-rapport jenfasizza l-importanza li l-manutenzjoni tal-karozzi tal-linja ssir minn persuni kwalifikati u esperti fil-qasam. Dan inaqqas il-probabbiltà ta' żidiet fit-tniġġiż f'każi meta jsir tibdil fil-magna.

Ir-rapport isemmi wkoll il-bżonn li stazzjonijiet tal-VRT ikunu akkreditati fl-ispezzjoni biex il-korrettezza tal-ispezzjoni tkun żgurata u tkun konformi mal-liġi. Wiehed jittama li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu implimentati mill-Awtorità dwar it-Trasport f'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku.

Fuq front iehor, ta' min ifahhar l-eżerċizzju li sar biex jiżdied l-infurzar tal-liġi fuq dawk li jinqabdu jhammġu l-ambjent. Jien inhoss, u mieghi nahseb hafna li ghandhom ghal qalbhom l-indafa pubblika, li hemm bżonn jiżdied l-infurzar fil-qasam tal-ambjent. Li hu żgur hu l-fatt li l-gżejjer Maltin huma nieqsa mix-xita fil-perjodu tas-sajf, u ghalhekk isir aktar bżonnjuż li niehdu hsieb l-indafa pubblika.

Minkejja dawn l-isforzi, kien hemm min qal li dan l-infurzar tal-indafa fit-toroq sar bl-iskop li jiżdied id-dhul tal-Gvern. Jien wisq nibża' li filwaqt li nkunu minn tal-ewwel biex ingergru fuq l-indafa jew in-nuqqas taghha fit-toroq ta' pajjiżna, fl-istess hin ma nihdux gost meta niġu penalizzati ghan-nuqqasijiet taghna stess.

Irridu nkunu konsistenti f'dak li nghidu u nahsbu. Irridu nsaqsu lilna nfusna jekk ahniex lesti nhallsu meta nonqsu fid-dmirijiet taghna lejn l-ambjent.

Kien pass ghaqli meta l-Prim Ministru iddeċieda li l-ambjent ghandu jaqa' taht id-dekasteru dirett tieghu, ghaliex kif sostna hu stess fil-ġimghat li ghaddew waqt *business breakfast* mal-organizzazzjonijiet non-governattivi, wasal iż-żmien li l-pendlu jdur favur l-ambjent.

Ħafna drabi l-hsara li ssir fl-ambjent qatt ma tkun tista' tissewwa, u minhabba f'hekk ghandna naghrblu sew id-deċiżjonijiet li niehdu u dak li naghmlu.

Hu dmir taghna li niehdu hsieb l-ambjent, kemm ghalina, iżda iktar u iktar ghal dawk li se jiġu warajna.

Il-Gvern, b'dawn iż-żewġ hidmiet, qed jiffoka fuq azzjoni prattika li biha niehdu nifs ahjar u ntejbu d-dehra ta' pajjiżna.

■ *Ryan Callus hu gradwat fl-inġinerija u l-management u jahdem fl-implimentazzjoni ta' diversi proġetti tal-Gvern finanzjati mill-Unjoni Ewropea favur it-titjib u l-harsien tal-ambjent*